

# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2016/979

tal-20 ta' Mejju 2016

**rigward l-adeżjoni tal-Kroazja mal-Konvenzjoni li tfasslet fuq il-bażi tal-Artikolu K.3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, dwar l-assistenza reċiproka u l-kooperazzjoni bejn l-amministrazzjonijiet doganali**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra t-Trattat tal-Adeżjoni tal-Kroazja, u b'mod partikolari l-Artikolu 3(4) u (5) tiegħu,

Wara li kkunsidra ir-rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew <sup>(1)</sup>,

Billi:

- (1) Il-Konvenzjoni mfassla fuq il-bażi tal-Artikolu K.3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, dwar l-assistenza reċiproka u l-kooperazzjoni bejn l-amministrazzjonijiet doganali <sup>(2)</sup> ("il-Konvenzjoni") ġiet iffirmata fi Brussell fit-18 ta' Diċembru 1997. Din tidħol fis-seħħ 90 jum wara n-notifika tat-tlestija tal-proċeduri kostituzzjonali għall-adozzjoni tal-Konvenzjoni minn dak l-Istat, Membru tal-Unjoni Ewropea fil-mument tal-adozzjoni mill-Kunsill tal-Att li jstabbilixxi l-Konvenzjoni, li jkun l-aħħar wieħed li jikkompleta dik il-formalità.
- (2) F'konformità mal-Artikolu 32(4) tal-Konvenzjoni, sa meta l-Konvenzjoni tidħol fis-seħħ, kull Stat Membru jista', meta jagħti n-notifika msemmija fl-Artikolu 32(2) tal-Konvenzjoni, jew fi kwalunkwe żmien ieħor wara dan, jiddikjara li sa fejn ikun ikkonċernat, il-Konvenzjoni għandha tapplika għar-relazzjonijiet tiegħu mal-Istati Membri li jkun għamlu l-istess dikjarazzjoni.
- (3) L-Artikolu 3(4) tal-Att tal-Adeżjoni tal-Kroazja ("l-Att tal-Adeżjoni") jistipula li l-Kroazja għandha taderixxi mal-konvenzjonijiet u l-protokollu elenkati fl-Anness I għall-Att tal-Adeżjoni. Dawk il-konvenzjonijiet u protokollu jinkludu, fost l-oħrajn, il-Konvenzjoni. Il-Konvenzjoni għandha tidħol fis-seħħ fir-rigward tal-Kroazja fid-data determinata mill-Kunsill.
- (4) F'konformità mal-Artikolu 3(5) tal-Att tal-Adeżjoni, il-Kunsill għandu jiddeċiedi li jagħmel l-aġġustamenti kollha li huma meħtieġa minħabba l-adeżjoni tal-Kroazja mal-konvenzjonijiet u mal-protokollu elenkati fl-Anness I tal-Att tal-Adeżjoni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

### Artikolu 1

Il-Konvenzjoni għandha tidħol fis-seħħ fir-rigward tal-Kroazja fl-ewwel jum tal-ewwel xahar wara d-data tal-pubblikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

<sup>(1)</sup> L-Opinjoni tat-28 ta' April 2016 (għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

<sup>(2)</sup> ĠU C 24, 23.1.1998, p. 2.

*Artikolu 2*

It-test tal-Konvenzjoni <sup>(1)</sup> bil-Kroat għandu jkun awtentiku taħt l-istess kondizzjonijiet bħat-testijiet tal-Konvenzjoni bil-lingwi l-oħra.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha ssir effettiva fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Magħmul fi Brussell, l-20 ta' Mejju 2016.

*Għall-Kunsill*  
*Il-President*  
K.H.D.M. DIJKHOFF

---

<sup>(1)</sup> It-test bil-Kroat ġie ppubblikat f'edizzjoni speċjali tal-Ġurnal Uffiċjali (Kapitolu 19, Volum 14, paġna 156).